

Brussell, 22 ta' Ġunju 2021  
(OR. en)

9571/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0133 (NLE)**

---

**AELE 29**  
**EEE 20**  
**N 51**  
**ISL 15**  
**FL 15**  
**DATAPROTECT 159**  
**JAI 687**  
**MI 443**  
**DRS 27**  
**FREMP 169**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE, rigward l-emenda tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) u tal-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 tal-Ftehim ŻEE

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, rigward l-emenda tal-Anness XI  
(Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika)  
u tal-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101  
tal-Ftehim ŻEE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup> (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżwali u soċjetà tal-informatika) u tal-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 (‘il-Protokoll 37’) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Biex il-Ftehim ŻEE jiffunzjona sew, il-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi estiż biex jinkludi l-Korp ta’ Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/1971.

---

<sup>1</sup> ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta’ Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1).

- (5) Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati tal-EFTA ser jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħidma tal-Bord ta' Regolaturi tal-BEREC, il-gruppi ta' ħidma tal-BEREC u l-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC, iżda mhux ser ikollhom id-dritt tal-vot. Il-pożizzjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji tal-Istati tal-EFTA ser jiġu rreġistrati separatament meta l-BEREC joħroġ opinjoni. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ser tqis bis-sħiħ l-opinjoni adottati mill-BEREC.
- (6) Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

- (7) Id-Direttiva (UE) Nru 2018/1972 tħassar, b'effett mill-21 ta' Diċembru 2020, id-Direttivi 2002/19/KE<sup>1</sup>, 2002/20/KE<sup>2</sup> u 2002/21/KE<sup>3</sup>, 2002/22/KE<sup>4</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li kienu inkorporati fil-Ftehim taż-ŻEE u li konsegwentement għandhom jiġu revokati skont il-Ftehim taż-ŻEE b'effett mill-21 ta' Diċembru 2020.
- (8) Għalhekk, l-Anness XI u l-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva ta' l-Aċċess) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7).

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21).

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33).

<sup>4</sup> Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51).

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżwali u soċjetà tal-informatika) u tal-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE<sup>1</sup>.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>1</sup> Ara dokument ST 9721/21 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.